Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illum 11 ta' Novembru, 2020

Lill:

1. Supretendent tas-Sahha Pubblika
   L-Ufficju tas-Supretendent
   Sptar San Luqa
   OPD (Level1), Misrah San Luqa,
   Pieta' PTA 1010.

2. Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Sahha
   Ministeru ghas-Sahha
   15, Palazzo Castellania,
   Valletta.

Protest Gudizzjarju ta':

Pierino Camilleri (ID 0206861M), 19, Rue D'Argens, Msida, MSD 1368, Paul Baldacchino (ID 70860M), Azure, Triq il-Barkazza, Mellieha, Johann Vassallo ID 359378M, Andrew Schembri, ID 534083m, 33, Alexander D'Agata (ID 639562M), Geraldine Camilleri (ID 264561M), Aloisia de Trafford (ID 280973M), Dominique Pace Vincenti (ID 87785M), Christopher Grech, (ID 369064 M), Rodolfo Ragonesi (ID 522563M), Natasha Brincat (ID 117883M), Charmaine Galea (ID 174674M), Elena Bianchi (ID 0067372M), Lesley Alexandra Davis (ID 4460M), Vera Schembri (ID 434991M), John Sammut (ID 0075988M), Christopher George Morabito (ID 196702L), Jessica Farrugia (ID 45200L), Beatrice Marcela Dolca (passaport 058183751), Katia Raineri (ID 0112801A), Elisenda Kirchmayr (ID 0149899A), Peppi Gauci (ID 77677M), Desiree Kaplan (ID 154672 M), Margaret Paris (ID 0163254(M), Trevor Benfield (ID 360172M), Alfred Zammit (ID 950648M), Rita Caruana (ID 451058M), Mario Borg (ID 106964M), Sylvana Scicluna (ID 106964M), Edward Borg (ID 353457M), Winifred Vella (ID 914047M), Rebecca Maria Vella (ID 421773M), Svetlana Chernikova (Passaport B 400511683), Lydia Busietta (ID 036295M), Carmel Scicluna (ID 0054269M), Josef Zammit (ID 166483M), Yevheniia Zammit (ID 155248A), Colin Attard (ID 371069M), Marie Claire Lombardi (ID 258780M), Manorita Attard (ID 241373M), Carmen Holten (ID 812950M), Kenneth Vella, (ID 65570M), Michelle Bartolo (ID 293671M), Helen Turner (ID 645355M),

Maria Debono (ID 0583254M), Stefan Orsini (ID 133278M), Ilona Busuttil, (ID 501683M), Stephen Tanti (ID 152087M), Linsi Caldecourt (ID 135692A), Liliana Ghia (ID 0139707A), Gisele Schembri (ID 244984M), Francesca Mary Anne Zammit Cutajar (ID 285801L), Sandra Morgan (ID 0096203L), Fiona Lyndley (ID 0080690A), Mary Ann Barthet Brown (ID 345359M), Marika Micallef (ID 392476M), Gloria Camilleri (ID 461167M), Michaela Muscioni (ID 0171562M), Tania Gauci (ID 442366M), Peter Borg (ID 266861M), Suzanne Farrugia (ID 0452787M).

Jesponu bir-Rispett:

Il-Protestata Supretendent tas-sahha pubblika ghandha s-sahha legali, a tenur tal-Kap 465 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' l-Att tas-sahha pubblika, li timmaniggja t-tixrid tal-mard;

A tenur tal-artiklu 14 (1) tal-istess ligi, il-protestata Supretendent ghandha l-poter li tiddikjara Emergenza tas-sahha pubblika.

A tenur tal-artiklu 15 (1) (g) tal-imsemmi att, il-protestata supretendent tinghata poter sostanzjali li tordna azzjoni li "jidhrilha opportun", wara li tiddikjara stat ta' emergenza kif imsemmi.

A tenur tal-27 (c) il-protestata tista' tiehu mizuri sabiex tikkontrolla epidemija.

Matul dawn l-ahhar xhur il-Protestati hargu diversi mizuri u regolamenti in konnessjoni ma outbreak ta' marda li tissejjah SARS Cov 2, jew inkella Covid 19.

Fost dawn il-mizuri, il-Protestata Supretendent tas-sahha pubblika bdiet tapplika tip ta' test biex tipprova tasal sabiex tidentifika persuni li kienu infettati bil-Covid 19, liema test jissejjah il-PCR.

Nonostante l-ezigenzi a tenur tal-artikoli 14 un 15 tal-kap 465, il-Protestati qatt ma ddikjaraw stat ta' emergenza tas-sahha pubblika, u lanqas biss ma ddikjaraw stat ta' epidemija f'parti mill-gzejjer maltin, jew fil-gzejjer kollha; u ghalhekk ir-regolamenti u mizuri kollha li ttiehdu u li gew enfurzati mill-protestati huma nulli u bla ebda effett jew validita' fil-Ligi, stante illi gew introdotti b'mod *ultra vires* il-poteri taghhom, jew kontra l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess artikli, jew b'mod intempestiv, jew mingajn ebda bazi xjentifiku.

Illi inoltre, it-test imsemmi, il-PCR, mhux tajjeb sabiex tasal biex tistabbilixxi liema persuni huma morda bil-virus covid 19, kif jigi spjegat fl-opinjoni ta' hafna xjenzjati u esperti, inkluzi l-Professur Karl Henaghan, Direttur tas-"centre for evidence based medicine" tal-University ta' Oxford, u Dr Michael Yeadon, li kien chief science officer tal-kumpannija Pfizer, liema esperti stqarru pubblikament illi il-PCR test

m'ghandux jintuza biex jipprova jasal ghar-rizultati diagnostici ta' virus, u li dan it-test qieghed jirrizulta f'ammonti kbar ta' dak li jissejhu "false positives", anke bejn 50% u 90% tat-testijiet kollha tal-PCR.

Sallum il-virus imsejjah Covid 19 lanqas biss gie izolat b'mod kategoriku u xjentifikament, li jista' jigi accettat u rikonoxxut mill-komunita' xjentifika.

Inoltre, il-fatti qieghdin isostnu dak kollu li qieghdin jghidu dawn ix-xjenzjati u esperti illi kkritiku l-uzu tal-PCR test, peress illi numru kbir tal-persuni li allegatament qed jittestjaw "pozittiv" ghal covid 19, lanqas biss m'ghandhom simptomi ta' mard, u ghalhekk, ma jistax jinghad illi huma morda.

Minflok li dan il-fatt jigi rikonoxxut mill-protestati, illi dawn il-persuni li ma jhossux simptomi huma f'sahhithom u mhux infettati b'xi infezzjoni kontagguza, minflok, qed jigu interpretati u mnizzlin mill-protestati bhala persuni li jaqghu taht kategorija ohra, u cioe', mhux f'sahhithom jew inkella morda, izda "asimptomatici". Din il-kategorija hija ta' preguzizzju ghal dawn il-persuni kollha illi jinstabu f'sahhithom, peress illi qed jigu labiljati bhala persuni morda b'xi mod li jistghu jikkostitwixxu periklu ghal haddiehor, u dan minghajr ebda bazi xjentifika. Dawn il-persuni qed jigu suggetti ghal-mizuri stretti mahrugin mill-protestati biex allegatament jikkombattu t-tifrix ta' mard kontaggjuz li qatt ma gie izolat. Dawn il-mizuri jinkludu impozizzjoni ta' kwarantina, li hija poter li jinghata mill-ligi biss lill-protestati f'kaz ta' persuni li huma morda, u mhux persuni f'sahhithom.

Din l-interpetazzjoni wiesgha b'mod ezagerat u bla bazi legali jew xjentifiku ta' min huwa marid jew li hu periklu ghas-sahha fis-socjeta', kellha u ghad ghandha l-effett li wassal li jikkaguna paniku nazzjonali u bizgha tremenda, liema bhala l-gzejjer Maltin ilhom ma jkollhom miz-zmien it-tieni gwerra dinjija.

Ghall-kuntrarju ghall-percezzjoni nazzjonali li giet influwenzata mill-istatistici u l-interpretazzjoni taghhom, li hargu mid-dipartiment tas-sahha pubblika, il-marda msejha covid 19 mhix wahda ta' natura serja fil-gzejjer Maltin li taffettwa il-popolazjoni in generali, iktar minn, per ezempju hija serja l-influwenza stagjonali, jew il-bronkonemonja, li jkollhom l-effett li hafna nies li jkunu anzjani u "immunosuppressed", jibqghu serjin biha.

L-influwenza u n-pneumonia mhumiex perikoluzi ghall-magguranza tan-nies li allura jfiequ minnha, u ghalhekk kull sena dawna ma jitqisuhx bhala mard serju li jwassal ghal krizi medika fil-gzejjer taghna. Dawk li ma jfiequx minnhom ikun mhux minhabba l-influwenza jew il-pneumonia per se, izda minhabba ragunijiet ohra ta' mard ta' dawk il-persuni. L-istatistici juru bic-car illi dana japplika ukoll ghal-covid 19, li minnha s'issa mietu nies li kienu diga' morda, jew inkella mietu b'effetti ta' treatment bhal nghidu ahna l-uzu ta' ventilaturi, kif irrizulta minn hafna kazjijiet barra minn Malta. Din l-opinjoni hija wahda riflessa fid-dikjarazzjoni ta' Great Barrington, (vide https://gbdeclaration.org/#read ) iffirmata minn iktar minn hamsa u erbghin elf (45,000) tabib u xjenzjat mediku fid-dinja.

Inoltre id-dettalji msemmija fuq il-policies sproporzjonali u bla ebda bazi xjentifici tal-protestati, li bhalhom gew implimentati f'pajjizi ohra bhal-Belgju, wasslu sabiex tintbaghat ittra iebsa lill-Gvern Belgjan minn 665 tabib u 2,175 professjonisti ohra fis-settur tas-sahha ,

(vide https://docs4opendebate.be/en/signatories/ ), fil-5 ta' Settembru, 2020, liema ittra tghid:

**"After the initial panic surrounding covid-19, the objective facts now show a completely different picture – there is no medical justification for any emergency policy anymore.**
**The current crisis management has become totally disproportionate and causes more damage than it does any good.**
**We call for an end to all measures and ask for an immediate restoration of our normal democratic governance and legal structures and of all our civil liberties.**

Din l-ittra tkompli tghid;
'A cure must not be worse than the problem' is a thesis that is more relevant than ever in the current situation. We note, however, that the collateral damage now being caused to the population will have a greater impact in the short and long term on all sections of the population than the number of people now being safeguarded from corona.
In our opinion, the current corona measures and the strict penalties for non-compliance with them are contrary to the values formulated by the Belgian Supreme Health Council, which, until recently, as the health authority, has always ensured quality medicine in our country: "Science – Expertise – Quality – Impartiality – Independence – Transparency". [1]
"We believe that the policy has introduced mandatory measures that are not sufficiently scientifically based, unilaterally directed, and that there is not enough space in the media for an open debate in which different views and opinions are heard. In addition, each municipality and province now has the authorisation to add its own measures, whether well-founded or not.

"Moreover, the strict repressive policy on corona strongly contrasts with the government's minimal policy when it comes to disease prevention, strengthening our own immune system through a healthy lifestyle, optimal care with attention for the individual and investment in care personnel" (Vide https://docs4opendebate.be/en/open-letter/ )

Dan it-tip ta' policies sproporzjonali u nuqqas ta' infurmazzjoni fuq il-gravita' reali tal-covid 19 u tat-treatments ghalih, waslu wkoll sabiex twaqqfet organzzizzjoni gewwa l-Istati Uniti li jisimha "Amerika's Frontline Doctors", li kkritikat dawn il-policies b'mod l-iktar car fl-istqarrija taghha tal-17 ta' Ottubru, 2020 (vide https://www.americasfrontlinedoctors.com/ )

Dawn il-policies waslu wkoll sabiex gewwa l-Ispanja giet imwaqqfa l-assocjazzjoni tat-tobba msejha *Medicos por la verdad -Espania*, waqt illi fil-Germanja giet mwaqqfa l-assocjazzjoni tat-tobba msejha *Doctors for enlightenment* appoggjata minn 500 tabib. Dawn l-assocjazzjonijiet waqqfu inkjesta msejha *The COVID 19 Extra Parliamentary Committee* (vide https://acu2020.org/english-versions/ . Il-Prezident ta' din l-assocjazzjoni it-tabib Heiko Shoening, stqarr kategorikament u pubblikament:

"we see the evidence and we see it obviously, and we have a message: we do not need to have anxiety about covid19 because this is not different to normal seasonal flu that we have every year."

Giet miktuba wkoll ittra minn tobba mlahqin u esperti Kanadizi fis-sahha pubblika indirizzata lill-Gvern Kanadiz fis-6 ta' Lulju, 2020 (vide http://www.balancedresponse.ca/open-letter/ u l-istqarrija taghhom, vide: http://www.balancedresponse.ca/statement/

Inoltre fil-11 ta' Awissu giet organizzata stqarrija stampa minn diversi organzziazzjonijiet tat-tobba fejn stqarru illi 640 tabib iddikjaraw illi l-mizuri li ttiehdu kienu parti minn *scam* globali (vide https://www.featured.tv/watch/t1OF73Dq7CChhMj )

Madankollu l-protestati injoraw u ghadhom jinjoraw dawn id-dikjarazzjonijiet kollha tal-eluf ta'tobba prominenti u xjenzjati mad-dinja kollha, u baqghu jwebbsu rashom u baqghu ghaddejjin b'pass mghaggel sabiex jigu implementati iktar mizuri horox kontra dawn ir-rakkomandazzjonijiet kollha, waqt illi baqghu jaghtu l-impressjoni lill-pubbliku Malti u Ghawdxi li din il-krizi hija hafna iktar gravi milli hi. Il-membri tal-pubbliku gew influwenzati ukoll mill-protestati b'mod konsiderevoli mill-istatistici li nhargu mid-dipartiment tas-sahha pubblika. Dawn l-istatistici tbieghdu mill-prassi u mill-proceduri standard, billi ma tawx u ghadhom ma jaghtux indikazzjoni cara u realistika tal-kawza principlai ta'mewt.

Id-dipartiment fil-passat qatt ma ppublika kuljum jew kull gimgha n-numri ta' nies anzjani u immunosuppressed li jcedu ghall-influwenza jew ghan-pneumonia, liema numri jkunu fil-mijiet kull sena. Inoltre, l-istatistici li gew pubblikati regolarment mid-dipartiment tas-sahha din is-sena kienu ghall-persuni kollha li mietu mhux minhabba l-covid 19, izda biss, li kienu rrizultaw pozittivi bil-covid 19, skond il-PCR test. Allura anke jekk il-mewt taghhom kienet ikkagunat minn mard iehor, jew kundizzjonijiet ohra, il-protestati qed iqajmu biza' u paniku nazzjonali ghaliex n-nies qed jahsbu illi dawk kollha li mietu fil-lista pubblikata mill-protestati mietu propju minhabba l-virus Covid 19. Inoltre ma giex stabbilit mill-protestati kemm mill-persuni li allegatament irrizultaw pozittivi bil-Covid 19 kienu "false positives".

Il-Protestata supretendent tas-sahha pubblika ghalhekk naqqset milli tezercita "due diligence" fl-inkarigu taghha, billi irrikkamondat hafna mizuri drastici minghajr ma

tiddikjara stat ta' emergenza tas-sahha pubblika skond il-ligi, u inoltre ma llimitatx ruhha taghti figuri ta' persuni li mietu propju minhabba il-covid 19, biex taghti stampa cara ghall-pubbliku nkwetat. Inoltre ma haditx passi sabiex ticcertifika illi t-testijiet uzati sabiex tidentifika min kien marid bil-covid 19 kienu realistici u mhux imhaltin fil-*false positives*. U lanqas ma waslet biex teskludi mil-lista tan-nies allegatament infettati bil-covid 19, dawk il-persuni li kienu qed ihossu ruhom bla ebda simptomi, u ghalhekk ma kienux morda. Dawn in-nies baqghu jitqiesu mill-protestanti bhallikieku kienu morda.

Il-Protestata naqset ukoll milli tezercita "due diligence" u taqdi d-dmirijiet fl-inkarigu taghha billi ma nfurmatx b'mod adegwat u trasparenti lill-pubbliku li kien tant mhasseb u inkwetat, illi l-maggoranza kbira tal-pazjenti li attwalment kellhom xi simptomi u li kienu diagnosed bil-covid 19, ma kienux fil-fatt qed ibaghtu b'simptomi qawwija. Kieku ghamlet hekk, u kieku kienet taccenna ghal dawk il-persuni li kienu allegatament covid 19 positive, li lanqas biss ma hassew simptomi ta' mard, kienet tpingi stampa hafna iktar cara u realistika ghas-sitwazzjoni nazzjonali, u ghalhekk ma kienx iqum paniku shih fuq marda illi rrizultant ftit jew wisq serju bhall-influwenza jew in-pneumonia, kif spjegaw hafna tobba d-dinja kollha.

Il-Protestata naqset ukoll milli tezercita "due diligence" fl-inkarigu taghha billi ma nfurmatx b'mod adegwat u trasparenti lill-pubbliku bil-kuri li qed jigu applikati sija Malta, fl-isptarijiet pubblici u privati, kif ukoll barra minn Malta, ghal min kien gie identifikat li kien qed ibaghti b'simptomi konnessi mal-covid 19.  Ghal darb'ohra, din l-inadempjenza waslet sabiex tikkreja iktar paniku fl-imhuh ta' hafna nies illi baqghu jahsbu li l-marda hija hafna iktar mifruxa u serja milli hi attwalment. Dawn in-nies qed jahsbu illi ma hemm xejn li wiehed jista' jaghmel biex jiggieled kontra din il-marda, galadarba jkun marad biha.

Il-Protestata naqset ukoll milli tezercita "due diligence" fl-inkarigu taghha, u agixxiet ultra vires il-poteri taghha billi ordnat kwarantina fuq nies illi ma werghewx illi kienu morda, u dana fuq il-bazi biss, kief diga imsemmi, ta' PCR test illi jirrizulta d-dinja kollha minn numru kbir ta' false positives.

Waqt illi l-protestati ghazlu illi johorgu diversi mizuri u regolamenti a tenur tal-kap 465 b'mod ultra vires u/jew b'mod intempestiv, fin-nuqqas ta' dikjarazjoni ta' emergenza tas-sahha pubblika, kif titlob il-ligi, kif diga' imsemmi, hafna minn dawn ir-regolamenti huma drakonici hafna u ghandhom l-effett illi raznu jew qed irazznu certi drittijiet fundamentali tal-protestanti, flimkien mar-rezidenti kollha tal-gzejjer maltin. Dawn jinkludu d-dritt ta' moviment liberu fil-gzejjer, kif ukoll barra mill-ixtut ta' Malta, dritt li jingemghu flimkien, u dritt illi jghixu l-hajja normali taghhom, li jahdmu u jistudjaw b'mod normali, u fl-ambjent normali, u li joperaw in-negozji u jifthu l-hwienet taghhom.

Dawn ir-regolamenti inoltre gew introdotti minghajr ebda bazi xjentifika, u kif inghad kontra l-opinjoni tal-kommunita' tat-tobba li tkellmu d-dinja kollha.

Il-protestati lanqas biss hargu pubblikazzjonijiet ta' studji li juru bic-car il-bzonn, l-efficenza u s-safety ta' kull wiehed minn dawn il-mizuri. Ghalhekk ma jistghax jinghad illi dawn ir-restrizzjonijiet kollha tad-drittijiet fundamentali tal-protestanti kienu jew huma "ragonevoli f'socjeta' demokratika", kif titlob il-Ligi suprema, il-Kostituzzjoni ta' Malta. L-argument tal-Protestat li stqarr fil-Parlament illi qed johrog dawn il-mizuri a bazi tar-rakkomandazzjonijniet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Sahha (WHO) ma jezonorahx milli jibbaza tali mizuri fuq ix-xjenza.

Fejn hemm kunflitt ta' opinjoni bejn kumitati, bhalma huwa l-WHO, u l-komunita' xjentifika, ghandha tirbah l-opnijoni xjentifika sabiex tipprova illi l-mizuri huma ragonevoli f'socjeta' demokratika. Fin-nuqqas tkun qed tirbah it-teknokrazija fuq ir-raguni u fuq ix-xjenza, u ghlahekk anke fuq id-deomokrazija u fuq id-drittijiet tal-bniedem.

In-nuqqas ta' bzonn ta' hafna minn dawn il-mizuri jirrizulta car uminn dawk il-pajjizi li ma ghaddewx dawn il-mizuri, kif ukoll mill-opinjoni esperta ta' il fuq minn hamsa u erbghin elf tabib u xjenzjat mediku li iffirmaw u appoggaw id-dikjarazzjoni ta' Great Barrington.

Dawn id-dikjarazzjonijiet ta' Great Barrington, tat-tobba Belgjani, tat-tobba Germanizi *Doctors for Enlightenment* u tal-*American Frontline Doctors* fil-fatt marru oltre billi ikkritikaa b'mod l-iktar car hafna mizuri li ttiehdu u li ghadhom jittiehdu minn certi pajjizi, liema mizuri jinkludu mizuri li ttiehdu u li qed jittiehdu mill-protestati.

Inoltre, u kontra dak li stqarr fil-Parlament il-Protest, anke l-organizzazzjoni dinjija ghas-sahha (WHO) harget rakkomandazzjonijiet ferm inqas stringenti minn dawk li hargu l-protestati. Il-WHO qed tirrakkomanda li membri tal-pubbliku jilbsu maskra <u>biss</u> f'cirkustanzi fejn ma jistghux jitbieghdu iktar minn metru minn persuni ohra, meta jkunu f'xi spazju pubbliku.

Minkejja dan, minghajr ebda bazi jew logika, il-protestanti mhux biss marru hafna oltre d-dikjarazzjonijiet imsemmija tat-tobba f'pajjizi ohra, li ma jirrakkomandawx l-uzu ta' maskri. Marru ukoll oltre il-WHO billi ordnaw l-uzu tal-maskri kullimkien u kull moment li xi l-protestanti u r-rezidenti kollha ta' Malta ma jinsabux gewwa d-dar jew l-karrozza taghhom, jew ma jkunux qed jaghmlu ezercizju intensiv. Dan ir-regolament, minghajr ma gie ddikjarat emergenza tas-sahha pubblika kif titlob il-Ligi, u minghajr ma gie pprezentat ebda prova xjentifika biex issostnih, ghalhekk ma jistax jigi meqjuz bhala "ragonevoli f'socjeta' demokratika" kif titlob il-kostituzzjoni ta' Malta, u ghalhekk huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi.

Inoltre, dan ir-regolament fuq l-uzu estensiv u ezagerat tal-maskri lanqas biss ma gie mahsub kif ghandha tigi mahsuba kwalunkwe ligi gdida. Ir-regolament ma jikkontemplax eccezzjonijet validi, bhal nghidu ahna, f'kaz li persuna bid-dijabete trid

tnehhi l-maskra f'post pubbliku sabiex tiehu xi haga bzonnjuza ghall-kundizzjoni taghha; jew persuna li tibda thoss li qed tistordi, jew li mhix qed tiehu bizzejjed ossigenu fin-nifs.

L-istess jista jinghad ghall-persuni kollha li jkunu qed jimxu bil-maskra. Ir-regolament jaghti eccezzjoni biss ghal min ikun qed jaghmel ezercizju estensiv minghajr ma lanqas biss jaghti definizzjoni ta' dan il-kliem. Kull ligi tibda bid-definizzjonijiet, izda dan mhux il-kaz fir-regolamenti li qed johorgu mill-protestati bhallikieku qishom qed johorgu l-hobz mill-forn

L-eccezzjoni bl-uzu tal-kliem li mhux definit ta' ezercizju intensive mhix ibbazata fuq il-gustizzja u lanqas fuq il-logika, ghaliex ma tikkontemplax il-kazijiet kollha ta' persuni illi anki bil-mixi, forsi minhabba t-telghat, jew minhabba xi toqol jew xi basktijiet li jkunu qed igorru, jew minhabba li huma anzjani, ikollhom bzonn ossigenu iktar mis-soltu. Dan ir-regolament huwa assolutament minghajr ebda bazi xjentifiku. Huwa fost l-iktar regolamenti oxxeni li qatt hargu minn xi awtorita' Maltija tul dawn is-snin kollha, u juri fil-minimu tieghu nuqqas kbir ta' "due diligence" min-naha tal-protestati, li jista' anki forsi jippericokla s-sahha tal-protestanti.

Esperti fuq Occupational Health and Safety (OHS) li parti minn xogholhom huwa illi jittrejnjaw it-tobba u n-nurses stress kif ghandhom juzaw maskri, iddikjaraw pubblikament illi l-uzu estensiv tal-maskri jmur kontra l-prassi tal-OHS, u jista' jwassal ghall-problemi respiratorji.

Skond studju fuq 12 l-awtopsia li saru gewwa l-Germanja irrizulta illi l-persuni li l-iktar kienu vulnerabbli ghall-covid 19 kienu propju persuni li baghtew b'problemi tal-qalb (50%) u problem respiratorji (25%). (vide [https://www.tctmd.com/news/german-covid-19-autopsy-data-show-thromboembolism-heavy-lungs](https://www.tctmd.com/news/german-covid-19-autopsy-data-show-thromboembolism-heavy-lungs)

L-opinjoni ta' dawn l-esperti hija sostenuta mir-rapport ta' Dr Dennis Rancourt PhD data April, 2020, imsejjah "Masks don't work: A review of science relevant to Covid-19 social policy", li jifli l-istudji xjentifici fuq is-suggett (vide [https://www.rcreader.com/commentary/masks-dont-work-covid-a-review-of-science-relevant-to-covide-19-social-policy](https://www.rcreader.com/commentary/masks-dont-work-covid-a-review-of-science-relevant-to-covide-19-social-policy)

Ghalhekk jidher car illi ma tezistix ix-xjenza li turi la l-efficenza u lanqas is-safety tal-uzu estensiv tal-maskri, u ghalhekk kwalunkwe regolamenti mahruga li jinponi l-uzu tal-maskri huma frivoli u jmorru kontra d-drittijiet tal-protestanti.

Apparti d-dritt fundamentali tal-protestanti tal-liberta' ta' moviment minghajr restrizzjonijiet li mhumiex ragonevoli, skond hafna tobba u esperti fl-occupational health u l-uzu tal-maskri, dawn il-maskri jistghu anke jikkagunaw problemi ta' sahha anke ghal min ma jbaghtix bl'asthma. Dan huwa minhabba t-tossici li tista' terga' tibla persuna li tkun ghadha kif nehhiethom minn gisimgha bin-nifs, liema tossici jinqabdu fil-maskra u jerghu jidhlu b'nifs gdid. Jista' anke jaghti l-kaz illi persuna ma tkunx

qed tiehu bizzejjed ossigenu. Huwa l-obbligu tal-protestati li juru x-xjenza u l-provi cari u lampanti lill-pubbliku illi l-maskri ma jaffetwawx is-sahha ta' min qed jilbishom ghal certu ammont ta' hin.

Ta' min izied illi r-regolamenti jimponi fuq it-tfal tal-iskola li jilbsu maskra l-gurnata kollha fil-klassi u meta jkunu gewwa l-grounds tal-iskola. Apparti l-effetti fizici dan jista' jwassal anke ghall-effetti psikologici fl-imhuh it-tfal, li qed jigu kundizzjonati li forsi qed jiffaccjaw xi periklu tal-mewt kull darba johorgu mid-dar.

Skond il-konkluzjoninjiet tat-tobba li ghamlu t-12 l-awtopsji imsemmija gewwa l-Germanja, parti important tal-kawza tal-mewt ta' dawn il-pazjenti kienet il-pulmory embolism. It-tobba ziedu jghidu:

"Massive pulmonary embolism arising from thrombi located in the deep veins of the lower extremities was the cause of death in four of 12 cases. In three others, fresh deep venous thrombosis was present in the absence of pulmonary embolism. Additionally, the investigators also found fresh thrombosis in the prostatic venous plexus of six of nine men."

Deep venous thrombosis mhux assocjat generalment ma marda li tittiehed bhal virus. Ir-rizultati ta' dawn l-awtopsji li saru l-Germanja huma ta' importanza kbira sabiex wiehed jifhem il-kagunijiet veri tal-vittmi li jirrizultaw pozittivi bil-covid. Wiehed kien jistenna li l-protestati jhejju sensiela ta' awtopsji f'Malta ta' persuni li mietu allegatament in konnessjoni mal- Covid 19. Madankollu l-protestanti qatt ma habbru pubblikament jekk sarux awtopsji. Jekk dawn  l-awtopsji ma sarux ikun qed juri nuqqas kbir ta' *due diligence* min-naha tal-protestati biex jippruvaw jistabbilixxu l-kawzi reali tal-mewt tal-persuni li gew imnizzla fuq il-website tas-sahha pubblika bhala persuni li ttestjaw pozittiv ghal covid19 permezz tat-test tal-PCR.

Anke fl-assenza ta awtopsji f'Malta, wara l-awtopsji li saru l-Germanja, il-protestati kellhom l-obbligu jindagaw sabiex jistabbilixxu jekk il deep venous thrombosis kien wiehed mill-co morbidities tal-persuni msemmija li mietu, u jistabbilixxu l-kagunijiet li wasslu sabiex dawn il-persuni li kellhom deep venous thrombosis spiccew mardu.

Ir-regolamenti li nhargu permess tal-poteri ta' kap 465 qed jobbligaw ukoll hwienet, negozji u skejjel sabiex jaghmluha ta' pulizijia mal-protestanti u mar-rezidenti kollha Maltin u Ghawdxin, sabiex ma jhalluhomx jidhlu gewwa l-istabilimenti taghhom minghajr maskra jew visor. Inoltre, kwalunkwe persuna li tista' tkun ezenti permess ta' certifikat mediku ikollha turi dan il-certifikat lil xi impjegat jew security ta' dawn l-istabilimenti. Dana jikkostitiwixxi ksur tad-dritt ta' privatezza, u ta' infurmazzjoni kunfidenzjali fuq l-istat ta' sahha tal-individwu. Inoltre dan qieghed imur kontra l-principju fundamentali fil-kostituzzjoni ta' Malta li tistabbilixxi process gudizzjarju biex timplementa jew tenforza kwalunkwe ligi jew regolament.

Dan il-principju fundamentali f'socjeta' demokratika tissepara l-poteri tal-istat bejn l-organu governattiv/amministrattiv, dak gudizzjarju u dak parlamentarju. B'hekk l-organu governattiv ma jistghax jiehu l-ligi f'idejh u jenfurzaha minghajr l-akkuzat ma jaghhdi mill-process gudizzjarju. Izda permess tar-regolamenti msemmija, li hargu mill-inizjativa tal-protestati, dan il-process tant importanti ghad-demokrazija u ghal-Hakkma tad-Dritt qed jigi bypassjat, billi dawn l-istabilimenti qed jigu inkarigati sabiex jiehdu azzjoni li taffettwa d-drittijiet tac-cittadin. Din l-azzjoni ma tistax tigi kontestata mill-protestanti fil-konfront tal-istabiliment privat dak il-hin. Iridu jew ma jridux, il-protestanti jkollhom joqghodu ghall-enfurzar ta' dawn ir-regolamenti allegatament abuzivi.

Il-protestanti ma jistghux jikkuntestaw dik l-azzjoni tal-istabiliment b'mod kostituzjonali, peress illi dan id-dritt huwa biss disponibbli fil-konfront bejn ic-cittadin u l-istat. Ghalhekk ir-regolamenti li jgieghlu lill-istabilimenti jagixxu bhala pulizija fil-konfront tal-protestanti, kif ukoll u tac-cittadini Maltin, imorru kontra l-principju kostituzjonali tas-separazzjoni tal-poteri tal-istat. Ghalhekk anke dan ir-regolament imur ultra vires il-poteri tal-protestati.

Ir-regolament drakoniku illi l-protestanti u t-tfal taghhom ghandhom jilbsu maskra il-hin kollu malli johorgu mid-dar jew mill-karrozza, qieghed inoltre jichadilhom id-dritt illi jiehdu arja friska u naturali tul il-gurnata taghhom, u li jhallu l-gisem taghhom jahdem u jkompli jizviluppa s-sistema immunitarja tieghu. Din hija haga essenzjali, mhux biss sabiex il-gisem jiggieled kontra xi marda specifika, izda kontra l-patogeni kollha, u cioe' il-bacteria, il-viruses u l-funghi kollha li l-bniedem jiffaccja kuljum fil-hajja tieghu. Din hija raguni ohra li turi kif l-protestata Supretendent tas-sahha pubblika qed tfalli b'mod gravissimu milli tezercita d-due diligence fl-inkarigu taghha. Qed tonqos milli tassigura illi l-protestanti u r-rezidenti Maltin ma jkollhomx is-sistema immunitarja taghhom iktar kompromessa bl-uzu tal-maskri l-gurnata kollha. Dan il-principju huwa rifless ukoll fid-dikjarazzjoni ta' Great Barrington hawn fuq imsemmi.

Il-Protestati inoltre naqsu fil-qadi ta' dmirijiethom ghaliex ma hadux azzjoni konkreta sabiex Malta tiffirma l-Konvenzjoni ta' Oviedo tal-2007 tal-Kunsill tal-Ewropa, fuq id-drittijiet tal-bniedem fis-settur tal-medicina. B'risposta fit-30 ta' Gunju ghall-mistoqsija Parlamentarja 15749 fuq ir-raguni ghaliex ma giex iffirmat dan il-Konvenzjoni, il-protestat wiegeb fil-Parlament illi ghadha qed ssir "analizi teknika" ta' din il-konvenzjoni.

Il-Protestanti ma jistghux jifmhu kif trattat tant important li jirrigwarda d-drittijiet fundamentali tac-cittadin u li ilu diga tlettax il-sena li gie trattat fil-Konvenzjoni ta' Oviedo, ghadu qed jigi studjat, u wisq inqas li ghandu jigi analizzat b'mod tekniku. Id-drittijiet tal-bniedem, jew l-izvilupp taghhom m'ghandhom qatt jigu ridotti ghall-ezercizju teknokratiku, ghaliex f'dak il-kaz id-demokrazija, ibbazata in parte fuq dawn id-drittijiet tal-bniedem, ghal dar'ohra tkun qed tigi ridotta ghal teknokrazija.

Fost affarijiet ohra l-Konvenzjoni ta' Oviedo tista' twassal biex tillimita l-poteri enormi tal-protestata Supretendent tas-sahha pubblika. Ghalhekk kwalunkwe dewmien jew nuqqas ta' rakkomandazzjoni pozittiva taghha lill-Gvern Malti sabiex dana jiffirma din il-Konvenzjoni tikkostitwixxi kunflitt ta' interess li jistgha jkollha a tenur tal-artiklu 10 tal-Kap 465.

A tenur tal-imsemmi artiklu 10 li jirreferi ghal-kunflitt ta' interess, il-protestanti jinsabu mhassbin ghall-konnessjoni u ghall-obbligu ta' obbedjenza li tkun halfet il-protestata Supretendent tas-sahha pubblika mal-Ordni ta' Lazarus, li jisimha *The Military and Hospitaller Order of St Lazarus of Jerusalem* (vide [https://lovinmalta.com/news/news-human-interest/grandmaster-gauci-maltas-health-heroine-is-lowkey-a-member-of-a-historic-order-of-catholic-hospitallers/](https://lovinmalta.com/news/news-human-interest/grandmaster-gauci-maltas-health-heroine-is-lowkey-a-member-of-a-historic-order-of-catholic-hospitallers/)

Din l-ordni tinvolvi ruhha fil-qasam tas-sahha, u ghalhekk kwalunkwe ordni li tohrog ghall-membri taghha tista' tinfluwenza l-opinjoni jew anki l-agir jew pariri tal-protestata f'din il-qasam tas-sahha fejn ghandha tant responsabbiltajjiet kif ukoll poteri. Dawn il-poteri m'ghandhom qatt jigu ezercitati taht xi influwenza barranija jew bhala kunflitt ta' interess bejn l-obbligi lejn l-gvern Malti u l-obbligi lejn l-Ordni imsemmija.

A tenur tal-avviz legali 337 tal-2020, il-protestanti u rezidenti Maltin u Ghawdin ma jistghux jingemghu b'iktar minn sitt persuni jekk ma jkunux mill-inqas zewg metri 'l boghod minn xulxin. Dan ir-regolament ghal darb'ohra mhux ibbazat fuq jew ggustifikat minn xi studji xjentifici, u ghalhekk huwa kaz iehor ta' decizjoni li ttiehdet b'mod arbitrarju, u mhux "ragonevoli f'socjeta' demokratika".

Dan ir-regolament qieghed inaqqas b'mod drastiku u drakoniku id-drittijiet fundamentali tal-protestanti sabiex jingemghu, kif ukoll sabiex jesprimu ruhhom apartament fuq kwalunkwe haga jew suggett li jidhrilhom xierqa, iktar u iktar b'hallqhom moghti b'tali mod illi lanqas biss jistghu jinfthemu b'mod car. Ghalhekk anke dan ir-regolament imur kontra dritt iehor tal-bniedem protett that il-kostituzzjoni ta' Malta.

Fost ir-regolamenti li nhargu a tenur tal-Kap 465, kien hemm zmien iktar kmieni fis-sena meta c-cittadini Maltin li ma kienux registrati bhala rezidenti Ghawdex, u ghalhekk il-maggoranza tal-protestanti, gew imqaqqfa milli jivvjaggaw ghal Ghawdex, waqt illi dawk registrati u rezidenti Ghawdex thallew jivvaggja ghal Malta.

Dan ir regolament ghal darb'ohra ma kienx bbazat fuq xi studji xjentifici li juru bic-car il-validita' u l-efficenza tieghu. Ghalhekk huwa bbazat fuq decizjoni li tiiedet b'mod arbitrarju u ghalhekk abuziv. Ma jistghax jinghad illi dak ir-regolament jista' jitqies bhala "ragonevoli f'socjecta' demokratika" kif titlob il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Inoltre, dan ir-regolament kien diskriminatorju fl-implimentazzjoni tieghu, ghaliex waqt illi certi rezidenti thallew jivvjaggaw u jduru l-gzejjer kollha Maltin, rezidenti ohra, fosthom hafna mill-protestanti, ma thallewx. Ghalhekk anke fuq din il-bazi ir-

regolament mar kontra d-dritt fundamentali ta' dawn il-protestanti li ma jkunux vittmi ta' diskriminazzjoni ingusta u illegali.

Regolament iehor li hareg a tenur tal-kap 465 jimponi fuq il-protestanti u kwalunkwe persuna ohra gejja minn certi pajjizi li tissoggetta ruhha ghall-imsemmi test tal-PCR. Kif diga gie spjegat dan it-test qatt ma gie pruvat li huwa effettiv sabiex tidentifika persuni morda bil-covid 19. Dan ir-regolament lanqas jaghti ghazla lil dawn il-persuni li jaghmlu kwarantina volontarja minflok jissottomettu ghat-test. Dan it-test jikkostitwixxi intervent mediku. Ghalhekk din l-impozizzjoni fuq il-gisem tal-protestanti mhix ibbazata fuq xjenza, u mhix ragonevoli f'socjeta' demokratika, u tmur kontra d-dritt illi l-protestanti ghandhom jaghzlu iridux jissottomettu ruhhom ghal intervent mediku.

Fid-dawl ta' dak kollu msemmi fir-rigward tal-agir tal-protestati fil-mannigar tal-mard f'dis-sena 2020, il-protestanti huma mhassba u nkwetati fuq l-ezercitazzjoni tad-dritt taghhom biex jiehdu decizjonijiet in konnessjoni mas-sahha taghhom u tat-tfal taghhom. Hija prijorita' assoluta tal-protestanti illi kwalunkwe vaccin li jigi introdott u mehud Malta jkun akkumpanjat u bbakjat mill-istudji indipendenti xjentifici ta' safety, u li dawn l-istudji jsiru skond il-protokol stabbilit ghal safety ta' medicini, li juri bic-car illi huma "safe" ghal min qed johodhom. Dawn l-istudji ghandhom ikunu disponibbli ghall-protestanti sabiex ikunu jistghu jifluhom u jiddeciedu ghadhomx jiehduhom jew jaghtuhom lit-tfal taghhom.

L-importanza tal-pubblikazzjoni tal-istudji kollha ta' safety ta' kwalunkwe vaccin li jigi prezentat lill-protestanti tidher ukoll fid-dawl ta' studju li sar fl-2012 minn Cowling et al, bl'isem "*Increased risk of non influenza respiratory virus infection associated with receipt of inactivated influenza virus*". (Vide https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC3404712/ ) Dan l-studju sab illi t-tfal kienu 'il fuq minn erba darbiet iktar suxxettibbli ghal xi infezzjoni respiratorja, inkluzi dawk li ghandhom x'jaqsmu mal-grupp tal-koronavirus, meta hadu vaccin kontra l-influwenza.

Ir-rizultati ta' dan l-istudju gew konfermati wkoll fi studju iktar recenti ippublikat f'Jannar, 2020, maghmul mid-dipartiment tad-difiza gewwa l-Istati Uniti fuq dak li huwa maghruf bhala *virus interference*. L-isem tal-istudju huwa *Influenza vaccination and respiratory virus interference among Department of Defence personnel during the 2017–2018 influenza season.*

(Vide https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC7126676/ )

Madankollu l-protestanti naqqsu minn dmirijiethom biex jiehdu konjizzjoni ta' dawn l-istudji li ma ssemmewx pubblikament minnhom jew mid-dipartiment tas-sahha pubblika. Anzi, il-protestati heggew lic-cittadini r lir-rezidenti Maltin u Ghawdxin

kollha, inkluzi l-protestanti, biex jiehdu l-vaccin tal-influwenza f'din is-sena meta skond huma ghadu mifrux coronavirus tat-tip Covid 19.

Hija importanti wkoll illi l-protestanti jkomplu jgawdu d-dritt taghhom li jaghzlu liema triq iridu jiehdu sabiex isostnu u jmantnu s-sahha taghhom, u ta' uliedhom, u li jaghtu l-kunsens taghhom b'mod liberu u minghajr ma jkunu sfurzati b'mod dirett jew indirett, sabiex isir intervent mediku bhalma hija l-ghotja ta' vaccin, lilhom jew lit-tfal taghhom. Ghalhekk kwalunkwe regolament li tista' ggieghel lill-protestanti, jittiehed mill-protestanti bhala ksur serju tad-drittijiet taghhom li jaghzlu t-triq ghas-sahha li hija skond il-konvinzjonijiet u l-kuxjenza taghhom. Dan il-ksur isir anke b'mod indirett f'forma ta' pressjoni jew imposizzjoni ta' restrizzjonijiet ghall-access ghall-iskejjel jew Universita' jew kwalunkwe post iehor, jew restrizzjonijiet ghas-safar jew ghall-impjieg.

Ir-rizultati ta' dawn l-istudji msemmija ta' Cowler et al u tad-dipartiment tad-difiza tal-Istati Uniti tal-Amerika, huma inkwetanti ghall-protestanti anki fid-dawl tal-fatt illi gewwa l-Istati Uniti sallum kien hemm 'il fuq minn sebat elef u hames mitt familja li irnexxiela tiehu kumpens ghad-danni serji li irrizultaw minn vaccin. Dawn il-persuni hadu kumpense bejniethom ta' il fuq minn erba' biljun u nofs dollaru Amerikan ($4,500,000,000). Ghalhekk kuntrarjament ghall-pozizzjoni tad-dipartiment tas-sahha pubblika fil-konfront tal-ghotja ta' vaccini, iktar minn sebat elef u hames mitt kawza sabu illi hafna minn dawn il-vaccini m'humiex daqstant safe. Inoltre, minn dawn is-sebat elef u hames mitt kaz, erbat elef, tliet mija un sebghin minnhom (4,370), jigifieri iktar min-nofs il-kaawzi, gew mirbughha fuq kumpens relatat ma danni kagunati minn vaccin tal-influenza. (vide https://www.hrsa.gov/sites/default/files/hrsa/vaccine-compensation/data/data-statistics-report.pdf )

Illi matul il-Krizi globali tal-covid 19 hargu zewg rapporti, inkluz wiehed mill-Prof. Magda Havas Phd tal- Environmental & Resource Studies Department, Trent University, Ontario, Canada, li jismu "Is there an association between covid-19 cases/deaths and 5G in the United States?" tat-22 ta' April, 2020. Dan ir-rapport jikkonkludi illi n-numri tal-kazijiet ta' persuni li instabu pozittivi bil-covid 19 fil-postijiet li kellhom ir-rollout tal-5G kienu 95% iktar minn dawk fil-postijiet li ma kellhom il-5G, jigifieri kwazi d-doppju, filwaqt illi dawn iz-zoni koperti bil-5G kellhom ukoll 126% iktar imwiet registrati li kienu allegatament konnessi mal-covid-19. (Vide https://magdahavas.com/5g-and-mm-waves/is-there-an-association-between-covid-19-cases-deaths-and-5g-in-the-united-states/ ) u

http://radiationdangers.com/5g/study-shows-direct-correlation-between-5g-networks-and-coronavirus-outbreaks-2/ ta' Bartomeu Cifre')

Il-Protestati intbaghtu kopja ta' ittra permezz ta' email fl-4 ta' Mejju, 2020, liema ittra accennat ghas-suspetti li kien hemm possibli assocjazzjoni bejn il-gravita' tal-kawzi tal-covid u r-rollout tal-5G, li bhala centri (ghat-teknologija 5G) kien hemm il-bliet ta'

Wuhan, Milan u hafna bliet fil-Lombardija, ic-centru industrijali tal-Italia, u New York. Gie mehmuz mal-email kopja tar-rapport ta' Cifre'. Gie accennat ukoll illi sa dak il-mument ma kienx gie attivat il-5G gewwa l-gzejjer Maltin, u fortunatament il-kazijiet ta' morda kienu baxxi hafna hdejn pajjizi ohra. Fl-ittra saret talba lill-protestati sabiex jiehdu konjizzjoni tas-suspetti ta' xi possibbli konnesjoni bejn in-numri ta' morda u l-uzu tal-5G, u li a bazi ta' indikazzjonijiet *prima facie* jimplimentaw il-principju stabbilit mil-Ligi ta' prekawzjoni billi jissospendu l-attwazzjoni tat-teknologija 5G f'Malta sakemm tghaddi l-krizi tal-Covid 19 u sakemm ikun hemm iktar infurmazzjoni u studji fuq possibbli konnessjoni bejn is-simptomi serji tal-imsemmi Covid 19 u l-exposure tar-radjazzjoni konnessa mat-teknologija tal-5G.

Din l-ittra lanqas biss giet *acknowledged* mill-protestati, li m'ghamlu xejn sabiex jissospendu r-rollout ta' 5G gewwa l-gzejjer Maltin fit-tieni parti tas-sena 2020, liema parti rrizultat f'hafna iktar kawzi ta' mard u anki mewt allegatament konnessi mal-imsemmi covid 19. Ghalhekk il-protestati naqsu milli jezercitaw due diligence fl-inkarigu taghhom milli naqsu li jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega that ic-cirkostanzi.

Inoltre, f'dawn l-ahhar xhur, il-protestati gew mgharrfa b'mijiet ta' studji xjentifici msemmija fir-rapport li jissejjah *The Bioinitiave Report*, tal-2012, maghmul minn 30 xjentist, (vide https://bioinitiative.org/table-of-contents/ u https://bioinitiative.org/wp-content/uploads/pdfs/BioInitiativeReport-RF-Color-Charts.pdf ) li juru bic-car li l-exposure ghar-radjazzjoni non ionizing (EMF) jista' jwassal ghal hafna kundizzjonijiet medici u effetti biologici fil-bniedem kif ukoll fl-annimali u fl-insetti.

Il-protestati gew mgharrfa wkoll bil-*5G Appeal* li gie illaunchjat fl-2017 u li sar minn hafna xjenzjati speccjalizzati propju fil-qasma tal-EMF u l-impatti fuq is-sahha, liema appell huwa appoggat minn iktar minn 400 tabib u xjenzjat. Dan l-appell jitlob illi ma jkomplix ir-rollout ta' iktar radjazzjoni permess tat-teknologija gdida tal-mobiles u wireless, msejha 5G, sakemm jigu stabbiliti parametri ta' safety. (vide http://www.5gappeal.eu/ ) (vide rapport iehor li jsemmi numru kbir ta' studji fuq l-effetti tal-frequenza 2.4 GHz

https://www.academia.edu/39711329/Peer_Reviewed_Published_Research_Studies_On_Wi_Fi_And_2_4_GHz_Wireless_Frequencies?email_work_card=view-paper )

u studji fuq l-impatt fuq in-nahal, li huma tant important ghall-agrikultura dinjija (vide: https://www.academia.edu/38315870/Effects_of_radiofrequency_electromagnetic_radiation_RF_EMF_on_honey_bee_queen_development_and_mating_success?auto=download&email_work_card=download-paper

Apparti l-5G Appeal tal-2017 kien gie llaunchjat ukoll appell indirizzat lill-Gnus Maghquda fl-2015, li jismu *The EMF Scientist Appeal*, li jismu mighu huwa maghmul minn esperti propju fil-qasma frekwenzi radju. Dan l-appell beda b'dan il-kliem:

“We are scientists engaged in the study of biological and health effects of non-ionizing electromagnetic fields (EMF). Based upon peer-reviewed, published research, we have serious concerns regarding the ubiquitous and increasing exposure to EMF generated by electric and wireless devices. These include–but are not limited to–radiofrequency radiation (RFR) emitting devices, such as cellular and cordless phones and their base stations, Wi-Fi, broadcast antennas, smart meters, and baby monitors as well as electric devices and infra-structures used in the delivery of electricity that generate extremely-low frequency electromagnetic field (ELF EMF).

**Scientific basis for our common concerns**

“Numerous recent scientific publications have shown that EMF affects living organisms at levels well below most international and national guidelines. Effects include increased cancer risk, cellular stress, increase in harmful free radicals, genetic damages, structural and functional changes of the reproductive system, learning and memory deficits, neurological disorders, and negative impacts on general well-being in humans. Damage goes well beyond the human race, as there is growing evidence of harmful effects to both plant and animal life.

“These findings justify our appeal to the United Nations (UN) and, all member States in the world, to encourage the World Health Organization (WHO) to exert strong leadership in fostering the development of more protective EMF guidelines, encouraging precautionary measures, and educating the public about health risks, particularly risk to children and fetal development.  By not taking action, the WHO is failing to fulfill its role as the preeminent international public health agency.”

Dan l-appell gie ffirmat minn mitejn u erbghin espert fil-qasam tal-EMF. (Vide: https://emfscientist.org/index.php/emf-scientist-appeal

Dak kollu li qed jintqal mill-esperti akkademici fl-EMF ilu maghruf ghal hafna zmien mill-militar, illi madankollu f'certi pajjizi kienu qed jahbu l-informazzjoni li kellhom sabiex ma jitilfux il-*competitive edge* militari taghhom. (Vide rapport sigriet tad-dipartiment tad-difiza tal-Istati Uniti

https://www.academia.edu/7147073/Admission_of_harm_by_Governments_and_Former_Industry_Insiders_Top_Motorola_Executive_Lead_Scientist_in_Largest_Cellphone_Studes_project_Microwave_Weapons_Specialist_T_Mobile_study_admissions_

u

https://parentsandconcernedcitizensagainst5g.files.wordpress.com/2020/03/5g-health-risks-parliamentary-responsibility-and-accountability.pdf

https://maisonsaine.ca/english/microwave-warfare-expert-publishes-book-on-the-hidden-dangers-emfs.html

https://maisonsaine.ca/sante-et-securite/health-canada-rejects-electronic-arms-experts-accusations.html

Il-protestanti gew mgharrfa wkoll bil-miktub bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rezoluzzjoni taghha numru 1815, ta' livelli hafna iktar stretti ta' emissjonijiet sabiex tigi protetta s-sahha tal-pubbliku u tal-hajja biologika in generali. (vide http://assembly.coe.int/nw/xml/XRef/Xref-XML2HTML-EN.asp?fileid=17994

Madankollu, il-protestati baqghu ma hadux passi sabiex jistabbilixxu livelli soddisfacjenti ta' safety a bazi tal-imsemmija rezoluzzjoni 1815 tal-Kunsill tal-Ewropa, a bazi tal-appell 5G, a bazi tal-imsemmi EMF Scientist Appeal, a bazi tal Bio Initiative Report u a bazi tal-mijiet ta' studji imsemmija f'dan ir-rapport.

Ghandu jinghad illi dawn l-appelli u studji mix-xjenzjati speccjalizzati ma gewx opposti mill-komunita' xjentifika, izda biss mill-ICNIRP, l-International Commission for Non Ionising Radiation Protection, li ghandha hafna konnessjonijiet mal-industrija tat-telekomunikazzjonijiet, u minn xi kumitati politici li taw opinjoni illi minkejja dawn l-istudji msemmija, ma kienx hemm bizzejjed provi li juri l-konnessjoni bejn r-radjazzjoni non ionising li tintuza fil 4G, 5G ecc, jew li kien hemm bzonn iktar studji. Dan huwa kaz car fejn it-teknokrazija qed tintuza biex teghleb lix-xjenza ghall-iskopijiet u interessi kummercjali a skapitu tas-sahha pubblika.

In-nuqqas imsemmi ta' azzjoni u l-uzu tal-prekawzjonijiet mehtiega f'din is-sena ta' krizi, juri bic-car illi min-naha wahda il-protestati hadu mizuri ezagerati u estremi fir-rigward tal-covid 19, li m'humiex ibbazati fuq ix-xjenza, fejn injoraw ghal kollox d-dikjarazzjonijiet imsemmija mit-tobba u xjenzjati ta' Great Barrington, tat-tobba Belgjani, tat-tobba Germanizi Doctors for Enlightenment, u tat-tobba American Frontline Doctors. U min-naha l-ohra, dejjem kontra l-indikazzjonijet tax-xjenza u tal-pariri tal-esperti, tal-*5G Appeal*, u tal- *EMF Scientist Appeal*, naqsu milli jiehdu passi sabiex jintroducu livelli adegwati biex jipprotegu lill-pubbliku mir-radjazzjoni konessa mal-4G u mal-5G, a tenur tar-Rizoluzzjoni 1815 tal-Kunsill tal-Ewropa.

B'hekk il-protestati injoraw mhux biss il-pariri tal-ixjenzjati, izda wkoll r-rakkomandazzjonijiet ta' wahda mill-oghla istituzzjonijiet fl-Ewropa li tissalvagwarda d-drittijiet tac-cittadin, u r-rakkomandazzjonijiet tal-European Environment Agency (vide https://www.eea.europa.eu/highlights/radiation-risk-from-everyday-devices-assessed

Fid-dawl tal-istudji msemmija fuq l-EMF, u fid-dawl tar-rizultati tal-awtopsji gewwa l-Germanja li sabu kazijiet ta' deep venous thrombosis f'hafna mit-12 il persuna, liema kawza taghhom mhux maghruf, izda mhux assocjat ma' virus, il-protestati kellhom l-obbligu a bazi tal-principju ta' *due diligence*, jezercitaw il- *precautionary principle* u jiehdu passi sabiex jieqaf ir-rollout tal-5G gewwa Malta sakemm jigi stabbilit b'mod xjentifiku hemmx konnessjoni bejn ir-radjazzjoni tal-EMF u awment fil-kazijiet ta' *deep venous thrombosis*.

Dan in-nuqqas ta' azzjoni proattiva min-naha tal-protestati wasal sabiex l-industrija tat-telekomunikazzjoni mxiet dawn l-ahhar xhur bi pass mghaggel sabiex timla l-gzejjer bl-infrastruttura tal-5G u tal-4G plus u 4.5G. B'hekk minhabba l-inadempjenza

tal-protestati din l-industrija qed tesponi lill-pubbliku, kif ukoll lill-annimali u lill-insetti, ghal hafna radjazzjoni tal-EMF u pulses konnessi mat-teknologija 5G. Dawn il-pulses u radjazzjoni jistghu jwasslu sabiex il-protestanti jkollhom s-sistema immunitarja kompromessa u soppressa. B'konsegwenza l-protestanti jkunu inqas kapaci li jiggieldu b'mod naturali kontra l-mard, u iktar sussexxibbli ghall-kundizzjonijiet ta' sahha bhal dawk imsemmija fl-istudji kollha fil-bioinitiative report.

Sussegwentement il-protestati, bl-agir kif ukoll bin-nuqqasijiet taghhom, qed jonqsu minn dmirijiethom biex jissalvagwardaw is-sahha tal-protestanti, u s-sahha pubblika in generali

Ghalhekk filwaqt illi l-protestanti jqieghdu lill-protestati in mora, dolo e culpa ghall-azzjonijiet li hadu u li jkomplu jiehdu fil-kontroll tas-sahha fil-gzejjer Maltin, liema azzjonijiet jistghu jinkludu rakkomandazzjonijiet jew nuqqas ta' azzjoni, u b'mod partikulari ghad-danni kollha li soffrew u li jistghu jsofru l-protestanti bhala konsegwenza fuq sahhithom, u fuq il-ksur ta' ligijiet konnessi mad-drittijiet fundamentali taghhom, il-protestanti qed jinterpellaw lill-protestati, jew min minnhom, sabiex fi zmien ghaxart ijiem utli:

i. Jaddottaw ir-rakkomandzazzjonijiet imnizzlin fil-***Great Barrington Declaration***, appoggata minn iktar minn 45,000 tabib u xjenzjat mediku, ir-rakkomandazzjonijiet imnizzla ***fl-ittra tal-5 ta' Settembru tal-567 tabib Balgjan***, id-dikjarazzjonijiet tat-Tobba gewwa l-Germanja tad-***Doctors for Enlightenment***, tat-tobba tal-ghaqda ***Medicos por la verdad -Espania***, tat-tobba u ***esperti Kanadizi fl-ittra taghhom lill-Gvern Kanadiz tas-6 ta' Lulju***, 2020, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tal-Organizzazzjoni tat-tobba Amerikani msejha ***America's Frontline Doctors*** fil-konferenza stampa taghha tal-17 ta' Ottubru, 2020; u b'hekk jieqfu minnufih milli jaddottaw mizuri xierqa, u jirrevokaw tali mizuri u regolamenti in vigore illi mhux talli ma jaghmlux sens mediku, izda jiksru d-drittijiet fundamentali tal-protestanti, inkluzi regolamenti drakonjani biex jilbsu maskri, anke fl'ispazji miftuhin fejn ikunu 'l boghod metru minn persuni ohra; regolamenti li jipprojbixxu illi jimgemghu flimkien, li jipprojbixxu pazjenti milli jkunu avvicinati mill-membri tal-familji taghhom, specjalment fl-ahhar granet ta' hajjithom, u li jkunu avvicinati mit-tobba privati taghhom, min-nutara u mill-avukati taghhom; u regolamenti li jimponu restrizzjonijiet fuq familji fl-organizzazzjoni ta' funerali u dfin tal-mahbubin taghhom;
ii. Taht ebda cirkostanza ma jdahhlu regolament fil-futur sabiex jipprojbixxu l-uzu ta' visors minflok maskri;

iii. Jieqfu milli jaddottaw mizuri u jirrevokaw tali mizuri jew regolamenti in vigore, li jgieghlu lill-istabilimenti, clubs u skejjel sabiex jagixxu bhala pulizija mal-protestanti u mac-cittadini kollha, u mat-tfal taghhom;
iv. Jitbieghdu u jzommu l-indipendenza taghhom minn kwalunkwe entita' barranija, governativa jew mhux governativa, li tista' tinfluwenza il-pariri, l-agir jew l-indipendenza taghhom;
v. Ihallu stabilimenti joperaw, kif rakkomandat mid-dikjarazzjoni ta' Great Barrington u ta' gruppi ta' tobba u esperti gewwa l-Germanja, il-Belju, l-Ispanja, il-Kanada u l-Istati Uniti;
vi. Jippubblikaw l-istudji kollha xjentifici li jiffurmaw il-bazi u r-ragunijiet tal-mizuri taghhom f'dawn l-ahhar xhur, fl-immaniggar ta' mard imsejjah Covid 19 fil-gzejjer Maltin, liema mizuri ghandhom dejjem jibqghu ragonevoli f'socjecta' demokratika, a tenut tal-Kostituzzjoni ta' Malta, inkluzi l-istudji kollha li juri bic-car illi l-uzu tal-maskri mic-cittadini f'ambjent mhux kontrollat gewwa sptar huwa safe, anke ghall-perjodu twil, u effettiv, sabiex inaqqas it-tixrid ta' mard;
vii. Ma johorgux regolamenti obbligatorji ghall-introduzzjoni ta' passport mediku jew ghall-ghotja ta' vaccini godda, b'mod dirett jew b'mod indirett, billi jnaqqsu l-libertajjiet ta' moviment ghal dawk li ma jiehdux tali vaccini jew jkollhom tali passaport;
viii. Jippubblikaw l-istudji kollha li ghandhom x'jaqsmu ma' safety tal-vaccini kollha li huma jew li ser ikunu disponibbli fil-gzejjer Maltin, u jippubblikaw l-istatistici kollha in konessjoni mar-rapporti medici ta' rejazzjonijiet avversi ghal kwalunkwe vaccin li jintuza gewwa Malta, liema rapporti jiffurmaw parti mill-VAERS, u cioe' il-vaccine adverse event's reporting system;
ix. Jippubblikaw fuq il-website tas-sahha pubblika d-dettalji kollha mnizzlin fl-inserts tal-vaccini li jidhlu Malta, sabiex il-protestati ikollhom l-infurmazzjoni fuqhom bhal kwalunkwe insert ta' medicina ohra li tista' tinghata minn spizerija.
x. Jirrikonoxxu b'mod formali d-dritt tal-protestanti li jaghzlu t-triq li twassal biex tmantni sahhithom, u d-dritt taghhom li jirrifjutaw intervent mediku li jmur kontra l-principji taghhom, a tenur tad-dritt fundamentali taghhom tal-liberta' ta' kuxjenza.
xi. Jorganizzaw kampanja nazzjonali edukativa u informativa sabiex persuni jkunu jafu kif jistghu jsahhu s-sistema immunitarja taghhom, u x'tip ta' vitamini u minerali u supplementi ohra jirrakkomandaw biex ikomplu jsahhu s-sistema immunitarja taghhom, u jikkombattu l-mard in generali;
xii. Jiehdu passi bla ebda dewmien iehor sabiex iwasslu biex Malta tiffirma u mbagahad tirratifika l-Konvenzjoni Ewropea ta' Oviedo fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-bio medicina.

xiii. Jintroducu standards godda bbazati fuq il-livelli msemmija fir-Rizoluzzjoni 1815 tal-Kunsill tal-Ewropa fejn jirrigwarda exposure ghall-frekwenzi radju imsejhin EMF.

xiv. Iwaqqfu t-trasmissjoni tat-teknologija 5G u 4G Plus, sakemm jigi stabbilit b'mod car is-safety tal-apparat kollu, tal-frekwenzi radju u tal-pulses in konnessjoni maghhom.

xv. Jordnaw studji immedjati sabiex jistabbilixxu hemmx konnessjoni bejn l-exposure ghall-EMF u l-izvilupp ta' deep venous thrombosis.

xvi. Inaqqsu l-exposure lill-protestanti ghall-EMF billi johorgu rakkomandazzjonijiet ghal-uzu tat-teknologija "wired" minflok "wireless" kull fejn dina tista' ssir.

xvii. Jimplimentaw kampanja nazzjonali ghall-edukazzjoni konnessa mal-exposure tal-EMF.

xviii. Jirrikonoxxu kif diga sar f'pajjizi ohra bhall-Izvezja, illi jezistu persuni li huma iktar *electro sensitive* min-normal, u li s-sahha taghhom ghandha tigi mharsa b'mod partikolari.

xix. Jipprojbixxu l-uzu ta' home routers li jservu lill-industrija bhala hotspots ghall-inhawi, liema hotspots ikunu qed jesponi lill-protestanti u rezidenti ohra ghal iktar radjazzjoni tal-EMF gewwa darhom.

xx. Johorgu linji gwida sabiex ikun hemm *EMF free zones* fil-gzejjer Maltin, u sabiex jigu gwidati wkoll entitajjiet pubblici li jharsu l-ambjent naturali u s-sahha tal-annimali u tal-fawna in generali.

Fl'inadempjenza, jittiehdu passi kontra l-protestati skond il-Ligi minghajr preavviz iehor.

Bl-ispejjes.

Avv Rodolfo Ragonesi

PL Davina Sullivan